# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 30 ta' Settembru 2016**

**Numru 1**

**Ċitazzjoni Numru 15/98 PC**

**Tarcisio Rapa u Grace, konjuġi Rapa**

**v.**

**Winston Montanaro Gauci u s-Soċjetà Minor Quay Ltd**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-atturi mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, tal-1 ta' Ottubru 2015, li permezz tiegħu qed jitolbu lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa' t-talbiet tagħhom u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti appellati, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess konvenuti appellati.

**2.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Il-Qorti,

"Rat iċ-Ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew:

"Illi l-atturi huma proprjetarji tal-fond magħruf bħala "Republic Restaurant, Trattoria" fin-numru 24, Triq Marina, Marsalforn li tgawdi numru ta' twieqi fuq spazju li minnu għandu aċċess il-konvenut;

"Illi reċentement u senjament 4 ta' Jannar 1998, l-atturi skoprew li l-konvenut kien ikkostruwixxa taraġ appożitament għall-imsemmija tieqa, u kompla biex saqqaf dan it-taraġ u l-ispazju bl-arkati;

"Illi b'dan il-mod id-dawl li tirċievi l-istess tieqa u konsegwentement il-fond ta' l-atturi, naqas madwar sebgħin fil-mija (70%);

"Illi għalhekk dan l-aġir tal-konvenut jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin.

"Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

"1. Tiddikjara li l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront ta' l-atturi meta huwa kkostruwixxa taraġ appożitament għat-tieqa ta' l-atturi, u saqqaf it-taraġ u l-ispazju bl-arkati;

"2. Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex jirripristina l-ispoll minnu kommess billi jpoġġi kollox fl-istat oriġinali tiegħu fi żmien qasir u perentorju li jiġi prefiss;

"3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi sabiex jagħmlu dawk ix-xogħolijiet meħtieġa sabiex kollox jerġa' jitpoġġa fl-istat li kien qabel ġie kommess l-ispoll, taħt id-direzzjoni ta' perit nominand.

"Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni.

"Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi debitament ikkonfermata minn Tarcisio Rapa.

"Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew:

"1. Illi d-domandi attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u dan billi dak kollu li sar mill-konvenuti qiegħed isir strettament skond il-jeddijiet tagħhom u ma ġie kommess ebda spoll a dannu tal-atturi;

"2. Illi din iċ-ċitazzjoni ma saritx għajr bi skop vessatorju proprju sabiex tfixkel lill-konvenuti fl-iżvilupp ta' ħwejjiġhom.

"Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri bid-dritt u fil-fatt.

"Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenuti kkonfermata bil-ġurament ta' Winston Montanao Gauci.

"Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

"Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' April 2015 fejn awtorizzat lill-konvenuti jressqu eċċezzjoni ulterjuri.

"Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti tad-19 ta' Mejju 2015 li biha eċċepew:

"1. Illi l-esponenti qed jissolleva n-nuqqas ta' interess ġuridiku ta' l-atturi peress li permezz ta' kuntratt datat 30 ta' Marzu 2000, l-atturi Tarcisio u Grace Rapa biegħu r-ristorant tagħhom bl-isem 'Republic Restaurant' (li huwa l-fond mertu ta' din il-kawża) lil Ta' Guzman Limited kif ukoll biegħu lill-istess id-drittijiet litiġjużi inkombenti fuq l-istess fond.

"2. Salv eċċezzjonijiet oħra.

"Rat in-Nota tal-Osservazzjonijiet tal-konvenuti dwar din l-eċċezzjoni ulterjuri.

"Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti, l-affidavits u d-dokumenti oħra esebiti.

"Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Mejju 2015 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

"Ikkunsidrat:

"Illi din hija kawża ta' spoll. In vista pero' tal-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku fl-atturi li jissoktaw b'din il-kawża, ser tiġi ttrattata qabel xejn din l-eċċezzjoni.

"Il-**Mattirolo**[1] ifissier b'mod tassew luċidu x'inhu l-interess ġuridiku li jrid ikun hemm f'kull kawża, bil-mod segwenti:

> "*54. L'azione presuppone il diritto, che essa e' chiamata a tutelare; ma perche' la si eserciti e' mestieri che vi si abbia interesse. Indi' la massima di giurisprudenza tradizionale "**l'interesse e' la misura di azione**" "**point d'interet, point d'action**". Il Codice di procedura civile italiano enuncia questo principio, applicandolo sia all'attore che al convenuto: all'articolo 36 (illum art.100 c.p.c.) e' detto che '**per proporre una***

[1] Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano;Torino 5ta. Ed. 1902 # 54 et. seq. pag.50 -52

***domanda in giudizio e per contradirre alla medesima, e' necessario avervi interesse'*** *…. l'interesse necessario per potere partecipare alla causa in qualita' di attore, di convenuto, o di terzo interveniete – deve essere* **diretto, legittimo, e attuale.** *55. E' mestieri dapprima che l'interesse sia* **diretto, personale**, *perche' … niuno e' ammesso a stare in giudizio se non per difesa di un interesse proprio, o di persona che esso legalmente rappresenta.*

"*56. L'interese deve in secondo luogo essere* **legittimo**, *cioe' confome al diritto di chi sta in causa. L'interesse e' cosa essenzialmente distinta dal diritto, come l'utile e' distinto dal giusto; l'azione compete soltanto a tutula dei diritti, l'interesse e' la molla che la mette in esercizio. Quindi, se l'interesse e' scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non giudizio possibilie; cosi' che, per isituire un giudizio, non basta che un fatto d'altri pregiudichi i nostri interessi, ma occorre che questo fatto ci arrechi un danno giuridico, danno che non esiste se non e' injuria datum, se cioe' non e' prodotto da chi, esorbitando dalla sfera del diritto proprio,offende un nostro diritto.*

"*57. Per ultimo l'interesse deve essere* **attuale,** *val quanto dire occorre che esista al momento in cui si propone l'azione. Avvertasi pero' che l'interesse puo' essere attuale, sebbene il diritto a cui si riferisce sia soltanto a termine, od anche solo eventuale; imperocche' anche un diritto eventuale puo' essere leso; e la lesione fa sorgere l'interesse attuale e legittimo ad ottenere al ricognizione del diritto col mezzo di una condanna preventiva, che risolva la contesa presente*" .

"Il-liġi proċedurali tagħna ma tipprovdix artikolu speċifiku dwar dan l-interess ġuridiku f'kawża bħal ma tagħmel dik taljana. Imma kif kellhom okkazjoni jgħidu l-Qrati tagħna:

"*Fu nondimeno ritenuto nella patria giurisprudenza,malgrado il difetto di una preciza disposizione della legge in materia,e come corollario di queste due disposizioni (ss. 256 u 960) che base e misura di ogni azione giudiziario e' l'interesse in chi la istituisce e in chi la contesta; perche' se l'interesse e' una condizione sine qua non per il semplice intervento o per l'appello,e' tale con maggior ragione per poter iniziare un giudizio*".[2]

"Fil-każ in eżami l-konvenuti jargumentaw li kif jirriżulta mill-kuntratt pubbliku in atti nutar Dr. Michael Refalo tat-30 ta' Marzu 2000, l-atturi biegħu lis-soċjeta' "ta' Guzman Limited" (C26004) il-proprjeta' ta' *"the catering establishment (restaurant) named 'Republic Restaurant Trattoria' number twenty five (25) at other times number twenty four*

[2] Micallef Goggi vs Armando Mifsud kollez vol.XXVII.I.507

*(24) Marina Street, Marsalforn, limits of Żebbuġ, Gozo*."[3] M'hemmx dubbju li dan il-fond huwa l-istess wieħed indikat fiċ-ċitazzjoni fejn l-atturi jallegaw li seħħ l-ispoll mertu ta' din il-kawża.

"Fl-istess kuntratt ġie stipulat *inter alia* li: "*Also included in this present sale are all litigious rights which the present vendors have over the tenement being sold in virtue of this deed*."[4] Dan ifisser li ġie kjarifikat fil-kuntratt li kwalunkwe drittijiet litigjuzi li kien hemm rigward dan il-fond, inkluż għalhekk proprju din il-kawża li allura kienet għadha pendenti, kienu qed jiġu trasferiti lill-istess soċjeta' kompratriċi.

"Permezz tar-rikors tagħhom tal-1 ta' Novembru 2011 f'din il-kawża l-atturi talbu l-assunzjoni tal-atti tal-kawża mis-soċjeta' "ta' Guzman Limited" flimkien magħhom, u dana peress li fil-mori tal-kawża kienu ttrasferew lil din is-socjeta' l-proprjeta' tal-fond li dwaru saret il-kawża presenti. Imma bid-digriet tagħha tal-15 ta' April 2015, din il-Qorti ċaħdet it-talba għax "…*Atturi f'kawża jistgħu biss jitolbu l-kjamata fil-kawża ta' terzi, a tenur tal-artikolu 961 tal-Kap.12, jekk ikun jenħtieġ għall-integrita' tal-ġudizzju, u mhux li jiżdiedu atturi oħra magħhom*." Żiedet tgħid ukoll illi: "*F'ċirkostanzi simili t-talba għandha ssir minn min ikun irid jassumi l-atti u mhux mill-atturi stess, u dan a tenur tal-artikolu 810A tal-Kap.12*."[5] Sakemm pero' din il-Qorti ġiet biex tagħti s-sentenza tagħha, baqgħet ma saret ebda talba mill-proprjetarji l-ġodda sabiex jassumi l-atti tal-kawża. Minn naħa l-oħra l-atturi lanqas taw ebda spjegazzjoni dwar x'interess ġuridiku seta' għad baqagħlhom f'din il-kawża, u dan in vista ta' dak li ġie dikjarat fil-kuntratt ta' bejgħ, kif indikat hawn fuq, lanqas setgħu jagħmluh.

"Huwa magħruf li l-interess ġuridiku f'kawża jrid jissussisti mhux biss fil-bidu tagħha, meta tiġi ppresentata, imma matul il-kors kollu tagħha, sa ma tingħata d-deċiżjoni. Jirriżulta għalhekk illi, għalkemm l-atturi kellhom interess ġuridiku meta ntavolaw il-kawża presenti fis-16 ta' Jannar 1998, għax jirrriżulta, anke mill-provenjenza indikata fil-kuntratt hawn fuq imsemmi, li dakinhar kienu l-proprjetarji tal-fond mertu ta' din il-kawża, l-interess ġuridiku tagħhom ma baqgħax jeżisti minn meta ttrasferew dan il-fond lis-soċjeta' "ta' Guzman Limited" fit-30 ta' Marzu 2000, inkluż id-drittijiet litiġjużi li kien hemm dwar l-istess fond. L-unika mezz għalhekk sabiex tiġi salvata din il-kawża kien illi, kif spjegat il-Qorti fid-digriet tagħha tal-15 ta' April 2015, s-soċjeta' li xtrat dan il-fond tassumi l-atti tal-kawża.

"Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti u tiddikjara li l-atturi m'għandhomx interess ġuridiku f'din il-kawża u għalhekk tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju.

---

[3] Ara kopja ta' dan il-kuntratt esebita permezz tan-Nota tad-29 ta' Mejju 2015, a fol.276 -281 tal-process

[4] A fol.280 tal-process

[5] Ara digriet a fol. 268 -269

"Bl-ispejjeż kontra l-atturi."

**Rikors tal-appell tal-atturi (21.10.2015):**

**3.** L-atturi ħassew ruħhom aggravati bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interponew dan l-appell minnha. L-ilment tagħhom bażikament jirrigwarda l-fatt li l-ewwel Qorti iddeċidiet il-kawża billi laqgħet l-eċċezzjoni ulterjuri imressqa mill-konvenuti fid-19 ta' Mejju 2015 u ddikjarat li l-atturi ma kien fadlilhom l-ebda interess fil-kawża u konsegwentement illiberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju.

*L-ewwel aggravju: mhux minnu li ma kienx hemm interess ġuridiku*

***4.*** Fl-ewwel aggravju tagħhom l-atturi jispjegaw illi minkejja li fit-30 ta' Marzu 2000 huma kienu ttrasferew ir-restaurant in kwistjoni (Republic Restaurant Trattoria, Marina Street, Marsalforn) lis-soċjetà "Ta' Guzman Ltd" b'daqshekk ma jfissirx li ma kienx baqagħlhom interess fil-kawża u dan peress li huma l-uniċi żewġ azzjonisti u diretturi u f' idejhom għandhom ir-rappreżentanza ġuridika u legali tas-soċjetà.

**5.** Jispjegaw illi permezz ta' rikors ippreżentat minnhom fl-1 ta' Novembru 2011 kienu talbu li jassumu l-atti flimkien mas-soċjetà "Ta' Guzman Ltd" u għalhekk jargumentaw li għamlu dak kollu li setgħu jagħmlu biex jibqgħu iħarsu l-interess ġuridiku li kellhom fil-kawża.

**6.** Jargumentaw illi l-eċċezzjoni tan-nuqqas tal-interess ġuridiku ma setgħetx tirnexxi stante li l-interess ġuridiku tagħhom u tas-soċjetà Ta' Guzman Ltd kien dejjem preżenti matul il-proċeduri.

*It-tieni aggravju: l-eċċezzjoni tan-nuqqas tal-interess ġuridiku setgħet titqajjem fi stadju aktar bikri*

**7.** Fit-tieni aggravju tagħhom l-atturi jilmentaw illi l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta ddeċidiet il-kawża limitatament fuq l-eċċezzjoni dwar il-karenza tal-interess ġuridiku, u dan meta l-mertu kien kollu eżawrit u kienu anke tressqu l-provi kollha u ġew anke ppreżentati n-noti tas-sottomissjonijiet taż-żewġ partijiet.

**<u>Risposta tal-appell tal-konvenuti appellati (23.11.2015)</u>**

**8.** Il-konvenuti appellati wieġbu biex jgħidu li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma.

**9.** Fir-rigward tal-ewwel aggravju, l-konvenuti appellati jaċċennaw għall-fatt li l-atturi Rapa ibbażaw il-kawża fuq il-premessa li huma l-proprjetarji tal-fond "Republic Restaurant Trattoria", Triq Marina,

Marsalforn. Jaċċennaw ukoll għall-fatt li fix-xiehda tiegħu bl-affidavit[6] maħluf f'Lulju 2007, Tarcisio Rapa baqa' jinsisti li huwa proprjetarju tal-fond meta fir-realtà ma kienx.

**10.** Jirreferu għall-kuntratt ta' trasferiment innifsu fejn ġie speċifikat li "*also included in this present sale are all litigious rights which the present vendors have over the tenement being sold in virtue of this deed*" u għalhekk kwalunkwe drittijiet litiġjużi, inkluż il-kawża odjerna, kienu ġew trasferiti lil "Ta' Guzman Ltd". Għalhekk jargumentaw illi ladarba tali drittijiet litiġjużi ġew rinunzjati a favur tas-soċjetà "Ta' Guzman Ltd" ma jistax jingħad li baqa' jissussisti l-interess ġuridiku fil-persuna tal-atturi Rapa.

**11.** Huma jargumentaw illi huwa argument inutili dak tal-atturi appellanti li huma l-uniċi diretturi tas-soċjetà "Ta' Guzman Ltd" u dan għaliex hemm distinzjoni fil-personalità ġuridika ta' soċjetà u dik tad-diretturi tagħha. Jaċċennaw għall-fatt li s-soċjetà "Ta' Guzman Ltd" baqgħet qatt ma ħadet azzjoni biex tassumi l-atti tal-kawża minflok l-atturi Rapa.

**12.** Jagħmlu riferenza għal diversi deċizjonjiet tal-qrati tagħna fir-rigward tal-kunċett tal-interess ġuridiku fejn ġie ritenut *inter alia* li:

[6] Affidavit a fol 36

- f’kull kawża irid ikun hemm l-interess ġuridiku sew tal-atturi kif ukoll tal-konvenuti;
- l-iskop ta’ kull kawża hu biex l-attur jerġa’ jitqiegħed fl-eżerċizzju jew tgawdija sħiħa tad-drittijiet tiegħu;
- l-interess ġuridiku li għandu jeżisti f’kull każ jimmaterjlizza fl-utilità finali li l-eżitu tal-kawża jkollha għall-attur;
- il-Qorti għandha tkun konvinta li l-attur ikollu l-iskop li jirkupra l-oġġett jew benefiċċju ta’ xi jedd mogħti lilu bil-liġi li jkun ġie vjolat;
- l-interess ġuridiku jrid jeżisti fil-mument li tkun spjegata l-azzjoni u l-attur irid juri li għall-eżerċizzju tad-dritt tiegħu għandu attwalment bżonn il-protezzjoni tal-Qorti, u li mill-kawża se jieħu utilità rikonoxxuta mil-liġi;
- l-interess irid ikun leġittimu, konformi mad-dritt u jekk ikun biss interess u mhux anki dritt, l-azzjoni ma treġix;

**13.** Fir-rigward tat-tieni aggravju, l-konvenuti fl-ewwel lok josservaw illi minkejja li l-atturi appellanti jilmentaw mill-fatt li l-eċċezzjoni ulterjuri tressqet fi stadju ferm avvanzat tal-kawża, huma ma appellawx mid-digriet tal-15 ta’ April 2015[7] li permezz tiegħu l-ewwel Qorti laqgħet ir-rikors tal-konvenuti tal-21 ta’ Ottubru 2011[8] u awtorizzat lill-istess konvenuti iressqu l-eċċezzjoni ulterjuri tagħhom dwar il-karenza tal-interess ġuridiku. Jispjegaw illi l-atturi kellhom kull dritt jappellaw minn tali digriet flimkien mal-appell mid-deċiżjoni finali, a tenur tal-Artikolu 229 *et seq* tal-Kap 12, iżda huma naqsu li jagħmlu dan.

**14.** Fi kwalunkwe każ jispjegaw li fuq l-iskorta ta’ ġurisprudenza l-

[7] Digriet tal-qorti tal-15.04.2015, fol 270-271
[8] Rikors tal-konvenuti datat 21.10.2011, fol 130-131

eċċezzjoni tan-nuqqas ta' interess ġuridiku hija eċċezzjoni ta' ordni pubbliku u għalhekk tista' titqajjem fi kwalunkwe stadju tal-kawża u hija sollevabbli anke *ex officio*.

**Sfond kronoloġiku rilevanti għall-appell odjern**

**15.** Il-kronoljoġija tal-fatti relevanti hi kif ġej:

| | |
|---|---|
| 16.01.1998 | L-atturi intavolaw il-kawża odjerna għaliex allegaw li l-konvenuti ikkommettew spoll fir-rigward tal-fond proprjetà tagħhom "Republic Restaurant Trattoria", Triq, Marina Marsalforn; |
| 30.03.2000 | L-atturi ttrasferew ir-"Republic Restaurant Trattoria" Triq Marina, Marsalforn lis-soċjetà "Ta' Guzman Ltd" u biegħu id-drittijiet litiġjużi tagħhom fuq l-istess fond lill-istess soċjetà kompratriċi; |
| 21.10.2011 | Il-konvenuti ippreżentaw rikors[9] li permezz tiegħu talbu l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex iressqu eċċezzjoni ulterjuri dwar il-karenza tal-interess ġuridiku tal-atturi; |
| 01.11.2011 | L-atturi ippreżentaw rikors[10] li permezz tiegħu talbu l-assunzjoni tal-atti tal-kawża mis-soċjetà "Ta' Guzman Ltd" flimkien magħhom. |
| 15.04.2015 | L-ewwel Qorti tat digriet[11] li permezz tiegħu laqgħet ir-rikors tal-konvenuti tal-21.10.2011 fejn talbu li jippreżentaw l-eċċezzjoni ulterjuri dwar il-karenza tal-interess ġuridiku tal-atturi; |
| 15.04.2015 | L-ewwel Qorti tat digriet[12] li permezz tiegħu ċaħdet ir-rikors tal-atturi tal-01.11.2011 fejn |

[9] Fol 130-131
[10] Fol 137
[11] Fol 268-269
[12] Fol 270-271

talbu l-assunzjoni tal-atti mis-soċjetà "Ta' Guzman Ltd" flimkien magħhom. Spjegat li fl-ewwel lok l-atturi f'kawża ma jistgħux jagħmlu talba biex jiżdiedu atturi magħhom, u fit-tieni lok, abbażi tal-Artikolu 810A tal-Kap 12 f' ċirkostanzi simili t-talba għandha ssir minn min ikun irid jassumi l-atti u mhux mill-atturi stess.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

*L-ewwel aggravju*: *l-interess ġuridiku o meno fil-persuna tal-atturi*

**16.** Meta l-atturi appellanti Rapa fis-sena 1998 intavolaw il-kawża odjerna huma kienu l-proprjetarji, (u allegatament fil-pussess) tar-"Republic Restaurant Trattoria" fi Triq Marina, Marsalforn. Tali fond għandu numru ta' twieqi jagħtu għal fuq spażju li minnu għandu aċċess il-konvenut. Minħabba li inbena taraġ imsaqqaf f'dan l-ispazju b'mod li naqqas id-dawl li kienet tirċievi waħda mit-twieqi tar-restaurant, huma ħassew li kien ġie kommess spoll fil-konfront tagħhom u għalhekk fetħu dawn il-proċeduri kontra l-konvenuti. Id-domanda tal-atturi Rapa għalhekk fiha l-ipotesi tal-eżistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tiegħu.

**17.** Il-pern kollu tal-eċċezzjoni ulterjuri u ta' dan l-appell huwa l-fatt li fl-2000 l-istess atturi Rapa ttrasferew ir-restaurant lis-soċjetà "Ta' Guzman Ltd" li tagħha huma l-uniċi soċi u diretturi. Fost affarijiet oħra ġie stipulat li "*Also included in this present sale are all litigious rights which the present vendors have over the tenement being sold in virtue*

*of this deed*". Ifisser għalhekk li l-atturi Rapa żvestew ruħhom minn kull dritt litiġjuż li seta' kellhom fir-rigward tal-proprjetà in kwistjoni (inkluż proprju d-dritt litiġjuż fil-kawża odjerna). Konsegwentement l-"interess" tagħhom fil-kawża ma baqax aktar ibbażat fuq dritt u għalhekk ma jistax jibqa' jitqies aktar bħala "interess ġuridiku".

**18.** Xejn ma jiswa l-fatt li bħala l-uniċi soċi u diretturi tas-soċjetà kompratriċi "Ta' Guzman Ltd" huma ovvjament kellhom "interess" fl-eżitu ta' dawn il-proċeduri. Wieħed irid jiddistingwi bejn "**interess**" u "**interess ġuridiku**" f'kawża. Kif jgħallem il-Mattirolo[13] l-interess ġuridiku irid ikun akkompanjat bi dritt:

> *"L'interesse e` cosa essenzialmente distinta dal diritto, come l'utile e` distinto dal giusto; l'azione compete soltanto a tutela dei diritti, l'interesse e` la molla che la mette in esercizio. Quindi, se l'interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, ..."*

**19.** Fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-15 ta' Lulju 1952 fil-kawża fl-ismijiet **Edgar Baldacchino et v. Rosie Bellizzi et** ġie ritenut illi:

> "…min jistitwixxi azzjoni jrid bilfors ikollu xi dritt – '*l'azione civile non puo` essere promossa che per far valere un diritto, e da colui a cui il diritto spetti. Mancando l'uno e l'altro di questi requisiti, l'azione e' infondata ed inammissibile*.'"

**20.** Kif ġie ukoll ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fil-

[13] Trattato di Diritto Giudiziario Civili Italiano, Torino 5ta Ed 1902

kawża fl-ismijiet **Avv Dr Kenneth Grima noe v. Direttur tal-Kuntratti** mogħtija fit-28 ta' Ġunju 2013:

> "*Il-liġi qegħda hemm biex tħares dak l-interess li għandu dritt bħala bażi tiegħu. Huwa proprju għalhekk li jingħad li l-interess huwa l-miżura tal-azzjoni ("Il mezzo di tutelare un diritto leso o immediatamente minacciato non puo' essere esercitata senza un interesse, essendo assiomatico che l'interesse e' la misura delle azione ed e` il motivo che giustifica l'accesso alle aule di giustizia" – Vol XXV.I.506).*"

**21.** L-interess ġuridiku tal-attur (li kif fuq spjegat irid ikun iibbażat fuq dritt) irid jissussisti tul il-ħajja tal-azzjoni, u jekk tali interess jiġi nieqes il-kawża ma tistax titkompla. Hekk ġie ritenut fil-kawża fl-ismijiet "George Laferla et vs Joseph Lauri et noe", deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Mejju 2002 fejn ġie spjegat li**:**

> *"Huwa risaput li l-interess tal-attur f'kawża jrid jibqa' jissussisti matul il-ħajja tal-azzjoni, għaliex jekk tali interess jiġi nieqes, il-kawża ma tkunx tista' tissokta (ara 'Calleja vs Micallef' deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' April 1992, u 'Sammut vs Attard' deċiża wkoll mill-istess Qorti tal-Appell fis-17 ta' Frar 1993)."*

**22.** L-atturi appellanti jirreferu għar-rikors ippreżentat minnhom fl-1 ta' Novembru 2011 fejn kienu talbu li jassumu l-atti flimkien mas-soċjetà "Ta' Guzman Ltd" u jargumentaw li għamlu dak kollu li setgħu jagħmlu biex jibqgħu iħarsu l-interess ġuridiku li kellhom fil-kawża. Iżda dan il-fatt m'għandu l-ebda rilevanza għall-finjiet ta' dan l-ewwel aggravju. Kif ġie spjegat *supra* tali rikors kien ġie miċħud mill-ewwel Qorti li fil-fatt spjegat illi atturi f'kawża jistgħu biss jitolbu l-kjamata fil-kawża ta' terzi bħala konvenuti oħra a tenur tal-Artikolu 961 tal-kap 12 jekk dan ikun

jinħtieġ għall-integrità ta' ġudizzju iżda mhux li jiżdiedu atturi oħra magħhom. Spjegat ukoll li f' ċirkostanzi simili t-talba għandha ssir minn min ikun irid jassumi l-atti (f'dan il-każ allura s-soċjetà "Ta' Guzman Ltd) u mhux mill-atturi stess, u dan a tenur tal-Artikolu 810A tal-Kap 12. Is-soċjetà "Ta' Guzman Ltd" pero` m'għamlet l-ebda talba f'dan is-sens.

**23.** Għal dawn ir-raġunijiet għalhekk, dan l-ewwel aggravju jirriżulta infondat.

*It-tieni aggravju: il-fatt li l-eċċezzjoni ulterjuri tqajmet fi stadju avvanzat*

**24.** L-atturi appellanti ħassew ruħhom aggravati mill-fatt li l-eċċezzjoni ulterjuri dwar il-karenza tal-interess ġuridiku tqajmet propju meta l-provi kienu tressqu u s-sottomissjonijiet taż-żewġ partijiet kienu ġew ippreżentati.

**25.** Rilevanti hija r-risposta tal-konvenuti appellati f'dan ir-rigward fejn argumentaw illi l-atturi appellanti ma ressqu l-ebda appell mid-digriet tal-ewwel Qorti tal-15 ta' April 2015 fejn hija laqgħet ir-rikors tagħhom (il-konvenuti) u awtorizzathom jippreżentaw l-eċċezzjoni dwar il-karenza tal-interess ġuridiku. Kull argument li setgħu ressqu l-atturi appellanti f'dan ir-rigward setgħu ressquh f'appell minn tali digriet iżda tali appell ma sarx.

**26.** Għaldaqstant dan l-aggravju wkoll jirriżulta infondat u qiegħed jiġi respint.

**Decide**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell tal-atturi u tikkonferma fl-intier tagħha d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-istess atturi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df